# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1049

**tad-19 ta' Mejju 2025**

**dwar il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni mressaq mir-Rumanija skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu ta' referenza tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-Ajru Uniku Ewropew**

*(notifikata bid-dokument C(2025) 2931)*

**(It-test bir-Rumen biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/2803 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

## KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) 549/2004, l-Istati Membri jridu jfasslu pjanijiet, fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs", Functional Airspace Blocks), li jinkludu miri ta' prestazzjoni, għal kull perjodu ta' referenza tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti għas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-pjanijiet għandhom jinkludu miri ta' prestazzjoni lokali li huma konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-perjodu ta' referenza kkonċernat.

(2) Il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu ta' referenza ("RP4", 2025-2029) ġew stabbiliti oriġinarjament fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1688 ([4]).

(3) L-Istati Membri kollha fasslu u adottaw abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għall-RP4, li ġew ippreżentati lill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2024. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu abbozzi aġġornati tal-pjanijiet ta' prestazzjoni sal-15 ta' Novembru 2024.

(4) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq l-abbozz aġġornat tal-pjan ta' prestazzjoni għall-RP4 ippreżentat mir-Rumanija ("l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni").

(5) Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni ("PRB", Performance Review Body), li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni, ressaq rapport lill-Kummissjoni li fih il-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni.

---

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/549/oj.
([2]) ĠU L, 2024/2803, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2803/oj.
([3]) ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/317/oj.
([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1688 tat-12 ta' Ġunju 2024 li tistabbilixxi l-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għar-raba' perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2029 (ĠU L, 2024/1688, 17.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1688/oj).

(6) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni lokali inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, filwaqt li qieset iċ-ċirkostanzi lokali kull fejn rilevanti.

(7) Il-Kummissjoni kkumplimentat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni b'rieżami tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Fir-rigward tal-punt 2.1(d)(vii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li ma wettqitx, bħala parti minn dak ir-rieżami, analiżi dettaljata tal-metodoloġija użata mir-Rumanija għall-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi *en route* u fit-terminal fl-RP4. Għaldaqstant, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni ma waslet għall-ebda konklużjoni rigward il-konformità ta' dik il-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet mal-punti (e) u (f) tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u mal-Artikolu 22(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

## VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

### Valutazzjoni tal-miri tas-sikurezza

(8) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tas-sikurezza, il-konsistenza tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni ġiet ivvalutata f'konformità mal-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(9) Il-miri ta' prestazzjoni fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tas-sikurezza proposti mir-Rumanija rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

| **Rumanija** | **Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Navigazzjoni bl-ajru fornitur tas-servizz** | **Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza** | **2025** | **2026** | **2027** | **2028** | **2029** |
| ROMATSA | Politika u objettivi tas-sikurezza | C | C | C | C | **C** |
| | Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza | C | C | C | C | **D** |
| | Assigurazzjoni tas-sikurezza | C | C | C | C | **C** |
| | Promozzjoni tas-sikurezza | C | C | C | C | **C** |
| | Kultura tas-sikurezza | C | C | C | C | **C** |

(10) Il-Kummissjoni tosserva li l-miri ta' prestazzjoni tas-sikurezza proposti mir-Rumanija għall-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni tal-ajru "ROMATSA" huma ugwali għall-miri tas-sikurezza għall-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2025 sal-2029, għajr għall-objettiv tal-"ġestjoni tar-riskji għas-sikurezza" li għalih il-livell tal-mira għall-Unjoni kollha huwa ppjanat li jintlaħaq fis-sena 2029.

(11) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni jistabbilixxi miżuri għal ROMATSA għall-kisba tal-miri ta' sikurezza lokali, inkluż it-titjib tas-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza, il-monitoraġġ tal-ġestjoni tal-bidla, u l-investiment fit-taħriġ dwar is-sikurezza u t-teknoloġija.

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizzi) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10, ELI http://data.europa.eu/eli/reg/2004/550/oj).

(12) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (9), (10) u (11) u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP4, jiġifieri l-2029, jenħtieġ li l-miri inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan tal-prestazzjoni jitqiesu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

**Valutazzjoni tal-miri ambjentali**

(13) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent, il-konsistenza tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri ambjentali tar-Rumanija tqabblu mal-valuri ta' referenza tal-effiċjenza tat-titjir en route orizzontali rilevanti stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP"), imfassal f'konformità mal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 ([6]) u disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4, jiġifieri fit-2 ta' Lulju 2024.

(14) Il-miri ta' prestazzjoni ambjentali proposti mir-Rumanija għall-RP4 u l-valuri ta' referenza nazzjonali korrispondenti mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

| **Rumanija** | **2025** | **2026** | **2027** | **2028** | **2029** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-miri fil-qasam ta' prestazzjoni ewlieni tal-ambjent**, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali | **3,54 %** | **3,52 %** | **3,50 %** | **3,48 %** | **3,46 %** |
| Valuri ta' referenza | 3,54 % | 3,52 % | 3,50 % | 3,48 % | 3,46 % |

(15) Il-Kummissjoni tosserva li l-miri ambjentali proposti mir-Rumanija huma ugwali għall-valuri ta' referenza nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja tal-RP4.

(16) Il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, ir-Rumanija ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri ambjentali tagħha. Dawk il-miżuri jinkludu l-implimentazzjoni ta' spazju tal-ajru transfruntier imtejjeb b'rotot liberi, l-introduzzjoni ta' użu flessibbli avvanzat tal-ispazju tal-ajru, u l-użu ta' għodda ta' ottimizzazzjoni tas-settur sa tmiem l-2025. Wara li kkunsidrat is-sejbiet tal-PRB, il-Kummissjoni tqis li r-Rumanija jenħtieġ li timpenja ruħha għall-implimentazzjoni tal-miżuri operazzjonali kollha stabbiliti fl-ERNIP, sabiex tappoġġa l-ilħuq tal-miri ta' prestazzjoni ambjentali tagħha għall-RP4.

(17) Għalhekk, abbażi tas-sejbiet fil-premessi (14), (15) u (16), il-miri fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni jenħtieġ li jitqiesu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

**Valutazzjoni tal-miri tal-kapaċità**

(18) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kapaċità, il-konsistenza tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni fir-rigward tad-dewmien medju fil-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM", Air Traffic Flow Management) *en route* għal kull titjira ġie vvalutat abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri tal-kapaċità *en route* proposti tar-Rumanija tqabblu mal-valuri ta' referenza rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network, imfassal f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 u disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4, jiġifieri fit-2 ta' Lulju 2024.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 tal-24 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 28, 31.1.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/123/oj).

(19) Il-miri tal-kapaċità *en route* proposti mir-Rumanija għall-RP4, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, u l-valuri ta' referenza korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

| Rumanija | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-miri fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kapaċità**, espressi f'minuti ta' dewmien *en route* tal-ATFM għal kull titjira | **0,24** | **0,17** | **0,14** | **0,11** | **0,11** |
| Valuri ta' referenza | 0,24 | 0,17 | 0,14 | 0,11 | 0,11 |

(20) Il-Kummissjoni tosserva li l-miri tal-kapaċità *en route* proposti mir-Rumanija huma ugwali għall-valuri ta' referenza nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja tal-RP4.

(21) Il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, ir-Rumanija ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità tagħha *en route*. Dawk il-miżuri jinkludu l-użu ta' sistema ġdida ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, titjib fil-konfigurazzjoni tal-ispazju tal-ajru, żviluppi relatati mal-politika tar-riżorsi umani, u l-użu ta' għodda ġdida għat-tagħbija tat-traffiku u l-kumplessità.

(22) Għalhekk, abbażi tas-sejbiet fil-premessi (19), (20) u (21), il-miri fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kapaċità inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali jenħtieġ li jitqiesu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

**Rieżami tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal**

(23) F'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni kkumplimentat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni billi rrieżaminat il-miri ta' prestazzjoni tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal stabbiliti rigward l-ajruporti msemmija fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Instab li dawk il-miri jagħtu lok għal tħassib.

(24) Il-Kummissjoni tinnota li l-miri tal-kapaċità fit-terminal proposti għall-RP4 iwasslu għal deterjorament sinifikanti tad-dewmien medju tal-ATFM tal-wasla kull sena meta mqabbel mat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3"). Tabilħaqq, il-miri proposti tal-RP4 ivarjaw minn 0,32 sa 0,40 minuta għal kull titjira, filwaqt li l-prestazzjoni reali mkejla ma qabiżx iż-0,12 minuta għal kull titjira fi kwalunkwe sena tal-RP3.

(25) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jenħtieġ li fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti fil-premessa (24), ir-Rumanija tiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kapaċità fit-terminal għall-RP4 jew li tirrevedi 'l isfel dawk il-miri.

**Valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza**

(26) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, il-konsistenza tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni fir-rigward tal-kost unitarju ddeterminat ("DUC", Determined Unit Cost) għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP4, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul l-RP3 u l-RP4 (2020-2029), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(27) Il-miri tal-kostefficjenza *en route* proposti mir-Rumanija għall-RP4, u l-valuri ta' referenza relatati, huma kif ġej:

| Żona tal-imposti *en route* tar-Rumanija | Valur ta' referenza tal-2019 | Valur ta' referenza tal-2024 | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-miri u l-valuri ta' referenza fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kostefficjenza,** espressi bħala kost unitarju ddeterminat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022) | **RON 193,74** | **RON 190,26** | **RON 188,70** | **RON 190,59** | **RON 190,14** | **RON 187,75** | **RON 178,08** |
| | EUR 39,32 | EUR 38,61 | EUR 38,29 | EUR 38,68 | EUR 38,58 | EUR 38,10 | EUR 36,14 |

(28) Rigward l-kriterju ta' valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC tar-Rumanija fil-livell taż-żona tal-imposti ta' - 1,3 % matul l-RP4 għall-Unjoni kollha ta' - 1,2 % matul l-istess perjodu.

(29) Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC tar-Rumanija fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP3 u l-RP4 ta' - 0,9 % ija aktar baxxa mix-xejra fit-tul għall-Unjoni kollha ta' - 1,0 % matul l-istess perjodu.

(30) Fir-rigward tal-kriterju ta' valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur ta' referenza tad-DUC ta' EUR 38,61 tar-Rumanija f'termini reali fi prezzijiet tal-2022 ("EUR2022") huwa 0,8 % aktar baxx mill-valur ta' referenza medju ta' EUR 38,93 f'EUR2022 tal-grupp komparatur rilevanti stabbilit fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

(31) Huwa ċar li x-xejra tad-DUC tar-Rumanija matul l-RP4 għandha prestazzjoni aħjar mix-xejra korrispondenti għall-Unjoni kollha u li l-valur ta' bażi tar-Rumanija għall-2024 huwa taħt il-medja tal-grupp komparatur. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li d-devjazzjoni limitata mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni msemmija fil-premessa (29) ma tipprekludix il-miri ta' prestazzjoni tal-kostefficjenza tar-Rumanija milli jkunu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni tal-kostefficjenza għall-Unjoni kollha.

(32) Għalhekk, abbażi tas-sejbiet fil-premessi (27) sa (31), il-miri fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kostefficjenza inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni jenħtieġ li jitqiesu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

**Rieżami tal-miri tal-kostefficjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal**

(33) F'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni kkumplimentat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni billi rrieżaminat il-miri ta' prestazzjoni tal-kostefficjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal stabbiliti rigward l-ajruporti msemmija fl-Artikolu 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Instab li dawk il-miri ma jagħtux lok għal tħassib.

**KONKLUŻJONIJIET**

(34) Fid-dawl ta' dan kollu, jenħtieġ li l-miri ta' prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tar-Rumanija jitqiesu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miri ta' prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat mir-Rumanija għar-raba' perjodu ta' referenza ("RP4"), elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4 stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta’ Mejju 2025.

*Għall-Kummissjoni*
Apostolos TZITZIKOSTAS
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tar-Rumanija, misjuba li huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għar-raba' perjodu ta' referenza**

**IL-QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA**

| **Rumanija** | **Il-miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza,** espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("EASA") | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fornitur ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru** | **Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza** | **2025** | **2026** | **2027** | **2028** | **2029** |
| ROMATSA | Politika u objettivi għas-sikurezza | C | C | C | C | C |
| | Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza | C | C | C | C | D |
| | Assigurazzjoni għas-sikurezza | C | C | C | C | C |
| | Promozzjoni tas-sikurezza | C | C | C | C | C |
| | Kultura tas-sikurezza | C | C | C | C | C |

**QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT**

| **Rumanija** | **2025** | **2026** | **2027** | **2028** | **2029** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-miri fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent**, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali | **3,54 %** | **3,52 %** | **3,50 %** | **3,48 %** | **3,46 %** |

**IL-QASAM EWLIENI TA' PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ**

| **Rumanija** | **2025** | **2026** | **2027** | **2028** | **2029** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-miri fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kapaċità**, espressi f'minuti ta' dewmien en route tal-ATFM għal kull titjira | **0,24** | **0,17** | **0,14** | **0,11** | **0,11** |

**IL-QASAM EWLIENI TA' PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA**

| **Żona tal-imposti *en route* tar-Rumanija** | **Valur ta' referenza tal-2019** | **Valur ta' referenza tal-2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **2028** | **2029** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-miri u l-valuri ta' referenza fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza,** espressi bħala kost unitarju ddeterminat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022) | **RON 193,74** | **RON 190,26** | **RON 188,70** | **RON 190,59** | **RON 190,14** | **RON 187,75** | **RON 178,08** |
| | EUR 39,32 | EUR 38,61 | EUR 38,29 | EUR 38,68 | EUR 38,58 | EUR 38,10 | EUR 36,14 |